A.L. 125 ta' l-1995

ATT DWAR IL-BASTIMENTI MERKANTILI
(KAP. 234)

Regolamenti ta' l-1995 li jissostitwixxu l-Ewwel Skeda ma' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6(2) u 374 ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, il-Ministru għat-Trasport, Komunikazzjoni u Teknoloġija, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1995 li jisostitwixxu l-Ewwel Skeda ma' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ "l-Att".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Ottubru, 1995.

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att.

2. Minflok l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Att, għandha tidħol din l-Iskeda li ġejja:

"L-EWWEL SKEDA

Artikolu 6

DRITTIJIET TA' REĠISTRAZZJONI

A. Dwar il-bastimenti kollha, ħlief għal dgħajjes tas-sajd li jkunu jappartjenu għal kollox lil ċittadini ta' Malta li jkunu sajjieda *whole-time* li jaħdmu bi qliegħ:

(1) Id-dritt ma' l-ewwel reġistrazzjoni u d-dritt ta' kull sena hu dan li ġej:

Tunnellaġġ Net (TN)		**Dritt ma' l-ewwel reġistrazzjoni**	**Dritt ta' kull sena**
Iktar minn	**Mhux iktar minn**		
0	500	50 lira	75 lira
500	8,000	10 ċentenżmi kull 1 TN	15 il-ċenteżmu kull 1 TN

8,000	10,000	800 lira u 3 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 8,000 TN	1,200 lira u 8 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 8,000 TN
10,000	15,000	860 lira u 3 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 10,000 TN	1,360 lira u 6 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 10,000 TN
15,000	20,000	1,010 lira u 3 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 15,000 TN	1,660 lira u 5 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 15,000 TN
20,000	30,000	1,160 lira u 3 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 20,000 TN	1,910 lira u 4 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 20,000 TN
30,000	50,000	1,460 lira u 3 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 30,000 TN	2,310 lira u 3 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 30,000 TN
Iktar minn 50,000		2,060 lira u 3 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 50,000 TN	2,910 lira u 2 ċenteżmi kull 1 TN iktar minn 50,000 TN

(2) Id-dritt ta' kull sena li jkollu jitħallas għall kull sena partikolari (ħlief għas-sena ta' l-ewwel reġistrazzjoni) għandu jiżdied skond l-iskala indikata hawn taħt għall kull membru ta' l-ekwipaġġ li ma kienx ċittadin ta' Malta għal kull xahar, jew parti minn xahar, li fih dak il-membru ta' l-ekwipaġġ kien impjegat fuq il-bastiment fis-sena sewwa sew qabel dik li għaliha d-dritt ikollu jitħallas:

Membri ta' l-Ekwipaġġ		**Dritt ta' kull sena**
Iktar minn	**Mhux iktar minn**	
0	30	100 ċenteżmu għal kull membru ta' l-ekwipaġġ għal kull xahar, jew parti minn xahar, ta' l-ingaġġ
30	100	30 lira, u 50 ċenteżmu għal kull membru ta' l-ekwipaġġ, 'il fuq minn 30 membru, għal kull xahar, jew parti minn xahar, ta' l-ingaġġ
Iktar minn 100		65 lira, u 20 ċenteżmu għal kull membru ta' l-ekwipaġġ, 'il fuq minn 100 membru, għal kull xahar, jew parti minn xahar, ta' l-ingaġġ

(3) Id-dritt ta' kull sena li jkollu jitħallas għal kull sena partikolari għal bastimenti ta' ħames mitt tunellata gross u fuqhom, u ta' età ta' għoxrin sena u fuqhom, għandu jiżdied b'ħames mitt lira.

B. Dwar dgħajjes tas-sajd li jkunu jappartjenu għal kollox lil ċittadini ta' Malta li jkunu sajjieda *whole-time* li jaħdmu bi qliegħ:

Dritt ma' l-ewwel reġistrazzjoni.....10 ċenteżmi kull 1 tunnellaġġ net

Dritt ta' kull sena ..... 5 ċenteżmi kull 1 tunnellaġġ net

C. Id-dritt ma' l-ewwel reġistrazzjoni u d-dritt ta' kull sena dwar kull bastiment għandhom jiġu kkolkolati 'il fuq lejn l-eqreb lira sħiħa.

D. Il-Ministru jista' taħt dawk il-kundizzjoniijiet li jidhirlu xieraq, jeżenta xi bastimet jew klassi ta' bastimenti mill-ħlas kollu jew parti mid-drittijiet pagabbli skond dawn ir-regolamenti.

E. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda,

"età", għal dak li għandu x'jaqsam ma' bastiment, tfisser, id-differenza bejn is-sena li fiha inbena l-bastiment u s-sena li għaliha id-dritt ikollu jitħallas.

"dgħajsa tas-sajd" għandu jkollha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 206 (7) ta' l-Att ta' l-1973 dwar il-Bastimenti Merkantili; u

"tunnellaġġ gross" u "tunnellaġġ net" ikun dak li jista' jiġi stabbilit skond ir-regolamenti dwar it-tunnellaġġ magħmula skond dan l-Att.".